Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 704/2010

GO p.l.c. (C22334)

vs

Edmond Malu Malu Monika Ngala
(Id No 26536A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disa' mija sebgha u tletin ewro u sittax il-centezmu (€937.16) dovut lis-socjeta attrici minghand il-konvenut in konnessjoni mas-servizz ta' komunikazzjoni bl-akkont nru 40079985. Bl-ispejjes u bl-imghax legali, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas s-somma ta' disa' mija sebgha u tletin ewro u sittax il-centezmu (€937.16), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Katja Psaila Savona**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------